**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 1/12(02_04_12).**

Minuti ta' l-ewwel laqgħa tas-sitt Kunsill li saret nhar it-Tnejn, 2 t' April 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Kunsillier.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Ryan Debrincat - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-30 ta' Marzu 2012.

1. Konferma tas-Sindku.
2. Konferma tal-Viċi-Sindku.
3. Tqassim tar-Responsabbiltajiet lill-Kunsillieri.
4. Materji oħra.

Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba.

Il-Kunsill kien immexxi mis-Sinjura Carmen Said, il-Kunsillier l-aktar anzjan. Hija għamlet dan id-diskors:
Bi pjaċir għal darba oħra jmiss lili bħala l-iżjed anzjana u nista' ngħid ukoll fis-servizz li ilni nagħti fil-Kunsill, biex niftaħ din il-laqgħa għal-leġislatura ġdida li permezz tagħha jien jixtieq li nieħu l-okkażjoni biex magħkom naqsam ftit esperjenzi, li jiena rajt dawn l-aħħar snin fil-Kunsill Lokali. Dan ser nagħmlu bir-rispett kollu lejn kulħadd, imma l-aktar biex jekk jista' jkun dawn in-nuqqasijiet ma jerġgħux jirrepetu ruħhom fil-leġislatura l-ġdida tal-Kunsill, u wkoll biex kull wieħed u waħda minna ma jkollux għalxiex joqgħod jinħela jitlob id-drittijiet tiegħu.

Nibda' biex ngħid li ilni għal dawn l-aħħar seba' snin nitlob biex aħna l-Kunsilliera jingħatalna bid-dritt ir-responsabbiltajiet, l-ewwel tliet snin b' insistenza minni dawn baqgħu ma ngħatawx, komplejt nirsisti dawn l-aħħar erba' snin, meta ftit tax-xhur ilu permezz ta' liġi li ġiet fis-seħħ fil-Kunsill aħna bil-liġi ħadna r-responsabbiltajiet kif kull wieħed u waħda minna għandu jkollu. Qed ngħid dan kollu biex mill-bidu tal-leġislatura l-Kunsilliera għandu jingħatawlhom ir-responsabbiltajiet biex bir-responsabbilta' u t-trasparenza tagħhom flimkien mal-Kunsill kollu, jkun hemm dak il-ftehim li Kunsill għandu jkollu biex l-affarijiet jitmexxew aktar aħjar minn kull wieħed u waħda minna.

Ħaġa oħra li xtaqt nirrimarka dwarha hija s-serjeta' fit-tmexxija tal-Kunsill, b' mod speċjali fejn jidħlu l-finanzi tal-Kunsill billi nħarsu l-liġi, f' offerti li jingħataw mill-Kunsill fejn, f' hiex u liema prijorita' għandhom jintefqu l-flus. Dawn huma flus il-poplu, ma ninsewx li aħna rridu nroddu lura dak li aħna ġejna fdati fih, billi nsarrfu f' ġid il-ħidma tagħna lejn il-lokalita' tagħna tal-Munxar u lx-Xlendi u l-poplu tagħhom mingħajr distinzjoni.

Punt ieħor li xtaqt nitkellem dwaru huwa dak li nħossu aħna l-Kunsilliera meta ħafna drabi niġu injorati minn dak li jkun għaddej fil-Kunsill, tħossok offiż meta xi drabi ma jiġix irrispettat dak li jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill. M'għandu la jsir u l-anqas jinbidel xejn jekk mhux fil-laqgħa tal-Kunsill bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

Inwiegħed serjeta' fit-tmexxija tiegħi, rispett lejn sħabi kollha u minn-naħa l-oħra nispera li dawn il-ftit suġġerimenti li għaddejt jiġu rrispettati bit-tama li din il-leġislatura turi aktar għaqda bejnietna biex flimkien inkunu aktar nistgħu naħdmu ħielsa minn kull tfixkil.

Nixtieq minn qalbi nifraħ lil kull wieħed u waħda minna li ġew eletti biex flimkien inwettqu dak li aħna dħalna għalih.

F' aħħarnett nixtieq ngħid grazzi liż-żewġ Kunsilliera li għadhom kemm spiċċaw mill-Kunsill li huma Patrick Grima u Mario Camilleri għax-xogħol siwi li huma wettqu, għas-sagrifiċċji li għamlu flimkien mal-familji tagħhom, għax permezz ta' l-għajnuna tagħhom ukoll setgħu jsiru dawk ix-xogħlijiet kollha li saru fil-leġislatura l-oħra. Mill-ġdid ngħidilhom grazzi ħafna għan-nom tal-lokalita' tal-Munxar u lx-Xlendi u l-poplu tagħhom.

Grazzi wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv Anthony Grech għax-xogħol tajjeb tiegħu fi ħdan il-Kunsill kif ukoll lil Kimberly Spiteri Uffiċjal Eżekuttiv għax żgur li mingħajr ix-xogħol tagħhom aħna ma nistgħu nagħmlu xejn.

**1.00 Konferma tas-Sindku.**

1.01 Is-Sur Joseph Sultana ntalab jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Sindku.
Il-laqgħa bdiet titmexxa mis-Sindku Joseph Sultana. Huwa għamel dan id-diskors: Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ħarġu jivvutaw u għal darba oħra reġgħu elieġewni Sindku biex flimkien magħkom naħdmu għal-lokalitajiet tagħna tal-Munxar u lx-Xlendi. Nixtieq nifraħ u nilqa' magħna lil Ryan Debrincat bħala Viċi-Sindku u lil Robert Mallia li ġew eletti membri ġodda flimkien magħkom Carmen Said u Saviour Spiteri li servejtu wkoll fil-leġislatura li għadha kif spiċċat. Grazzi partikolari wkoll tmur għal Patrick Grima u Mario Camilleri li ddeċidew li ma jerġgħux jikkontestaw biex ikunu membri fil-Kunsill, il-parteċipazzjoni tagħhom kienet strumentali biex komplejna ntejjbu l-lokalitajiet tagħna.

Inwiegħed li flimkien magħkom ser nagħmel ħilti biex flimkien neħilsu u nibdew il-proġetti pjanati, fejn nistgħu nippruvaw inġibu aktar fondi għal-lokalitajiet tagħna biex b' dak li nwettqu jgawdu l-komunitajiet tagħna flimkien ma' l-eluf ta' turisti barranin u Maltin li jiġu fil-lokalitajiet tagħna.

**2.00 Konferma tal-Viċi-Sindku.**

2.01 Is-Sur Ryan Debrincat intalab jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku.

**3.00 Tqassim tar-Responsabbiltajiet lill-Kunsillieri.**

3.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li jiltaqa' ma' kull Kunsillier biex jara f' liema oqsma jixtiequ jaħdmu sabiex huwa jiddeċiedi. Bi ftehim ma' kulħadd ir-responsabbiltajiet tqassmu hekk:

Is-Sur Ryan Debrincat u s-Sur Robert Mallia – *Sports* u Kultura.
Is-Sur Saviour Spiteri u s-Sinjura Carmen Said – Anzjani u Xogħlijiet.
Is-Sur Joseph Sultana – EU *Funds* u Proġetti Kapitali.

**4.00 Materji oħra.**

4.01 Il-laqgħa spiċċat fis-6.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 12 t' April 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***